**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 10/24**
**Data:** It-Tnejn, 16 ta' Settembru 2024
**Ħin:** 5:45hrs
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku (Mis-6:02pm)
Enya Abela - Kunsilliera (Sad-9:10pm)
Christian Attard - Kunsillier
Anthony Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier
Ivan Giardina - Kunsillier
Luke Doublet - Kunsillier (Skużat)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**10.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**10.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**10.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**10.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**10.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**10.06** **Servizz tas-Silver-T;**
**10.07** **Traffic Management;**
**10.08** ***Żejt iż-Żejtun;***
**10.09** **Ħajt il-Wied;**
**10.10** **Proġett tal-Housing;**
**10.11** **Bankini Ġodda;**
**10.12** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**10.13** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**10.14** **Mozzjonijiet; u**
**10.15** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**10. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' apoloġija mis-Sur Doublet. | |

**10. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent:<br>Sekondant: | Il-Minuti 09/24 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 10. 2. 1 | 09.10.01 | Aquilina | It-tifkira fid-19 ta' Marzu hija Ġieh iż-Żejtun. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**10. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2 5 | 09.0.02 | Abela: Blood Donation Unit | Irringrazzjat lis-Sindku u ġibdet l-attenzjoni li n-no parkings u avviż fil-knisja ma sarux għax ma avżajnihx. | Abela |
| 10. 2 6 | 09.02.01 | Attard: Gay Pride Week | Attard qal li l-attivita' ma saritx peress li kienn hemm attivitajiet oħra fl-istess perjodu. | Attard |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2 | 7 | 09.02.03 | Caruana Roderick: Triq il-President Anton Buttigieg | Qal li bħala kunsill għandna nippublikaw dak kollu li l-kunsill qed jibgħat u nirċievu minn TM. Is-Sindku wieġbet li bħala Kunsill ħriġna stqarrija li ilna 30 sena nagħmlu pressjoni. Intalbet laqgħa urġenti mal-Ministru. Giardina qal li għandha ssir protesta dwar din il-problema jekk jibqa' ma jsir xejn. Kien hemm diskussjoni dwar din il-problema u x'jista' jsir. | Sindku |
| 10. | 2 | 8 | 09.02.10 | Sindku: Play | Is-Sindku qalet li din saret u kienet suċċess. Irringrazzjat lil dawk kollha li attendew. | Sindku |
| 10. | 2 | 9 | 09.02.11 | Sindku: Bust ta' Sur Joe Attard / Zebra Crossing Triq Alfredo Cachia Zammit | Aquilina ressaq kjarifika li kien hu li ssuġerixxa li l-bust jitla l-pjazza. Is-Sindku qalet li kienet bħala kunsill li għamlu din il-proposta kif oriġinarjament kien il-pjan. | Sindku |
| 10. | 2 | 10 | 09.02.13 | Camilleri: *Revision Classes* | Camilleri qalet li dawn intemmu u l-istudenti li attendew ingħataw djajru. Irringrazzjat lill-għalliema Rachel Grima. | Camilleri |
| 10. | 2 | 11 | 09.02.19 | Sindku: Ġurnata fuq il-Horn Blower | Is-Sindku qalet li din saret u kienet suċċess. | Sindku |
| 10. | 2 | 12 | 09.03.02 | Sindku: Latrina tas-Suq | Is-Sinku qalet li l-latrina tas-Suq ser tixgħel nhar l-Erbgħa. | Sindku |
| 10. | 2 | 13 | 09.03.03 | Sindku: Kamra tal-Periti | Is-Sindku qalet li rċevejna stedina għall-diskussjoni fl-1 t'Ottubru dwar Pjazza Santa Marija u xogħolijiet oħra. | Sindku |
| 10. | 2 | 14 | 09.03.08 | Sindku: Filming | Is-Sindku qalet li dan il-filming issa tlesta. Is-serje hija Friefet. | Sindku |
| 10. | 2 | 15 | 09.03.09 | Sindku: Bankijiet is-Suq | Is-Sindku staqsiet jekk ġiex ordnat. Ser niċċekjaw jekk għandniex fl-istore. | Sindku |
| 10. | 2 | 16 | 09.03.10 | Sindku: Laqgħa mar-Reġjun | IS-Sindku qalet li kellha laqgħa u baqgħet tinsisti fuq il-problema tal-iskart. Għidnilhom li l-multi mhux ser jitħallsu minn naħa tagħna. Qalet ukoll li saret il-laqgħa ġenerali tar-Reġjun fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Is-Sindku u diversi kunsilliera attendew. Saret preżentazzjoni lill ex-Sindki. | Sindku |
| 10. | 2 | 17 | 09.03.14 | Sindku: Ġnien Brejġu | IS-Sindku qalet li din qed nistennew il-*clearance* minn naħa ta' PA sabiex jinbeda x-xogħol. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 10. | 2 | 18 | 09.03.15 | Aquilina: Tindif | Aqulina qal li mar jiċċekja, inqata' l-ħaxix, imma fil-ġnub irid jitnaddaf sew. Trid issir pressjoni mal-knisja minħabba t-tindif. Caruana Ray ressaq proponiment li dan it-tindif irid jgħaddi għand il-knisja. | Caruana Ray |
| 10. | 2 | 19 | 09.05.01 | Attard: Skate Park | Attard qal li x-xogħol beda u qed isir biċċa xogħol tajba ħafna. | Attard |
| 10. | 2 | 20 | 09.05.03 | Attard: European Mobility Week | Attard qal li ma sar xejn dwar dan minħabba li Triq id-Daħla ta' San Tumas kienet għadha mhux lesta u li kieku ingħalqet il-pjazza kien ikun hawn ħafna problemi. | Attard |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2 | 21 | 09.10.01 | Aquilina: Kunċert tal-Milied | Aquilina qal li l-kunċert ser isir fit-30 ta' Diċembru. Ser ikun qed jagħti żewġ siltiet l-organista Joe Caruana flimkien mal-Għaqda Banda Żejtun u jolternaw kull sena. Ġab żewġ kwotazzjonijiet għad dawl u sound bl-irħas waħda tkun dik ta' Smart Sound li kien hemm qbil li mmoru għaliha minħabba li prezz irħas. Isiru l-preżentazzjonijiet wara l-kunċert. Rigward Ġieh iż-Żejtun isir fid-19 ta' Marzu u l-parti letterarja u għana ssir f'Lulju. Issuġerixxa wkoll u kien qbil unanimu dwar dan li għandha tinġib Folk band u tagħmel għanjiet tal-Milied fit-toroq tar-raħal t'isfel. Caruana Roderick staqsa dwar il-kompetizzjoni tal-prepsepji u djar imżejjna għal Milied. Aquilina qal li qed jaħdem fuqha. | |

**10 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/24. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 1 | | Sindku: Proġett tan-naħal | Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata mis-Sur Jorge Spiteri u talab li jkompli bil-proġett tan-naħal fil-Barumbara ta' Ġnien il-Kmand. Kien hemm diskussjoni. Ser nitkellmu miegħu u naraw xi jrid eżatt u nimxu min hemm. | Sindku |
| 10 | 3 | 2 | | Sindku: Triq id-Dulliegħ | IS-Sindku qalet li ser tibqa' ssie pressjoni għad-devoluzzjoni ta'din l-art. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed insibu intoppi minn naħa tas-Segretarju Parlamentari u d-dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex ituna l-approvazzjoni biex dan jgħaddi għandna. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 3 | | Sindku: Inawgurazzjoni ta' Dar San Franġisk | Is-Sindku qalet li hi flimkien ma' numru ta' kunsilliera attendew għal ftuħ ta' Dar San Franġisk ta' Fondazzjoni Nazzareth. | Sindku |
| 10 | 3 | 4 | | Sinkdu: Laqgħa ma' Project Green | Is-Sindku kellha laqgħa dwar il-proġett ta' Ġebel San Martin. Spjegawlna li dwar dan m'hemm xejn finali . | Sindku |
| 10 | 3 | 5 | | Sindku: Knies ta' toroq | Is-Sindku kellha laqgħa mal-kuntrattur tal-knies u għidnilu li mhux kuntenti bis-servizz. Id-Dipartiment tal-Cleansing tawna l-għażla li naqilbu kuntratt magħhom pero l-kuntratt tagħna baqalu sentejn. Ser jitnaddfu l-culverts li jaqgħu taħtu. | Sindku |
| 10 | 3 | 6 | | Sindku: Festa Santa Marija tal-Ħlas | Is-Sindku qalet li tajna s-sehem tagħna bħala kunsill waqt din il-festa. | Sindku |
| 10 | 3 | 7 | | Sindku: Triq id-Daħla ta' San Tumas | Is-Sindku qalet li x-xogħol wasal fit-tmim u daqt jingħata l-aħħar saff u jsiru s-sinjali. Kien hemm qbil li l-pelican lights tinżebah bajda u roża permanenti. Ser napplikaw għal dan ma' TM. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 8 | Sindku: Toqob għall-umbrellel | Is-Sindku qalet li avviċinawha mill-Għaqda Banda Żejtun sabiex isiru toqob permanenti sabiex ikunu jistgħu jitwaħħlu l-umbrelel fihom. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Diġa hemm permess mill-MTA għal umbrellel. |
| 10 | 3 | 9 | Sindku: Ħruġ tal-istudenti | Is-Sindku qalet li peress li nstabu fdalijiet u xogħol wieqaf, ser ninsistu li l-periklu għat tfal jitneħħa. Camilleri issuġerit li jsir ħruġ mill-ewwel grada. Ser issir laqgħa mas-surmast dwar dan. |
| 10 | 3 | 10 | Sindku: Żjara f'Ċelano | Is-Sindku flimkien mal-Viċi-Sindku marru Celano u kienet organizzata tajjeb ħafna. Ġew milqugħa. Is-Sindku qalet li ser ikunu qed iżuru ż-Żejtun delegazzjoni minn Celano minħabba l-ġemellaġ ta' bejnithom. Il-Ħamis 26, ser iżuru l-kunsill. |
| 10 | 3 | 11 | Sindku: Triq Alfredo Cachia Zammit | Is-Sinku qalet li kellha laqgħa ma' Steve Ellul fejn fost affarijiet oħra ġiet diskussa l-possibilta' li Triq Alfredo Cachia Zammit tiġi One Way l'fuq u tinfetaħ Triq Toni Zahra l-isfel. |
| 10 | 3 | 12 | Sindku: Proġett tal-Barrani | Is-Sindku qalet li l-proġett minn naħa ta' IM miexi sew. Għamilna talba sabiex Triq Ħal Tarxien issir ħruġ biss. Din ser tkun bi prova għall-tlett xhur. |
| 10 | 3 | 13 | Sindku: Anniversarju | Is-Sindku attendiet għall-50 sena anniversarju mill-mewt tal-Isqof Emmanuel Galea. |
| 10 | 3 | 14 | Sindku: Proġett Bellus | Is-Sindku, Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa dwar il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendiont fiex wasal il-proġett. |
| 10 | 3 | 15 | Sindku: Ġibjun | Is-Sindku qalet li kien hemm żjara mill-Ministru Bonet u s-segretarju Parlamentari Omar Farrugia fuq il-ġibjun ta' San Klement li ġie mnaddaf u ser jintuża. |
| 10 | 3 | 16 | Sindku: Bust tas-Sur Attard | Is-Sindku qalet li marret tara l-bust u ser ikun lest u jiġi inawgurat f'Novembru. Il-programm qed jiġi finalizzat minn naħa tal-Gal Xlokk. |
| 10 | 3 | 17 | Sindku: Tiġrijiet taż-żwiemel | Is-Sindku qalet li din l-attivita' kienet suċċess. L-organizzaturi ġabu l-permessi kollha u t-tindif sar. |
| 10 | 3 | 18 | Sindku: Delegazzjoni mill-Estonja | Is-Sindku qalet li ltqajna magħhom u ġew imdawwra maż-Żejtun. |
| 10 | 3 | 19 | Sindku: Dog Park | Is-Sindku qalet li tkellmet ma' Project Green sabiex min naħa tagħhom jagħmlu dog park fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. |
| 10 | 3 | 20 | Sindku: Xogħol fuq bankini | Is-Sindku qalet li ltaqgħet mal-Onor Farrugia fejn għaddejnilhom lista ta' bankini li jridu xogħol fuqhom. Dan għad irid jiġi finalizzat qabel jibda x-xogħol. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 21 | | Sindku: Triq il-Għadam | Is-Sindku qalet li l-Ombudsman ġegħlna nneħħu t-tabelli sabiex vetturi kbar ma jgħaddux minn din it-triq. | |
| 10 | 3 | 22 | | Sindku: Bord tal-Manuċċa | Is-Sindku qalet li rċevejna ittra mill-bord l-antik bħala protesta li twaqqfu. Wara li ċċekjajna sibna li dawn ġew maħtura fl-2020 u għalhekk it-terminu kien għadda. Aquilina talab li l-istatu jiġi emendat biex jirrifletti dan u jiġu evitati konflitti bħal dawn. Dan ser jiġi komunikat lura lill-bord l-antik b'din l-ispjegazzjoni. | |
| 10 | 3 | 23 | | Sindku: Pink October | Is-Sindku qalet li tajjeb li jinxtgħelu l-faċċata tal-Kunsill, is-salib u z-zebra crossing. Fis-17 t'Ottubru ser niġu lebsin bir-roża. | |
| 10 | 3 | 24 | | Sindku: Triq Bugħarbiel | Is-Sindku qalet li ser issir laqgħa mar-residenti dwar jekk għandiex issir One Way din it-triq. | |

**10. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 4 | 1 | | Abela: Zebra crossing | Abela staqsiet dwar iz-zebra crossing ta' Triq San Girgor. Is-Sindku wiġbet li din għandha tiċċaqlaq minn IM. | |
| 10. | 4 | 2 | | Attard: Rehersals tal-Karnival | Attard qal li kellmuh id-dilettanti tal-karnival sabiex meta jkun il-maltemp, jistgħux jużaw il-gym għar-rehersals. Ser naraw is-schedule u niċċekjaw. | |
| 10. | 4 | 3 | | Caruana Roderick: Ibins | Caruana qal li l-ibins ta' Ganza sabiex jitneħħew irid jinstab post alternattiv. Il-Viċi-Sindku qal li fejn jimxu iridu jsiru bil-kameras magħhom. Ser jiġi diskuss post alternattiv u tittieħed deċiżżjoni. | |
| 10. | 4 | 4 | | Caruana Roderick: Applikazzjonijiet tal-PA | Caruana qal li ser ikun qed jaħdem ma' Wirt iż-Żejtun sabiex meta ssir oġġezzjoni tkun waħda bejn iż-żewġ entitajiet. | |

**10. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 5 | 1 | | | Ma kinx hemm iktar items imressqa. | |

**10. 6.** ***Servizz tas-Silver-T;***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Ma kinx hemm diskussjoni dwar dan. | |

**10. 7.** ***Traffic Management;***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 7 | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li diġa ltaqgħu dwar dan u ser issir laqgħa mar-residenti sabiex jiġu diskussi dawn it-tibdiliet. | |

**10. 8.** **Żejt iż-Żejtun;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li fit-23 ta' Settembru ser issir it-tnehdija ta' Żejt iż-Żejtun il-Kunsill. Dis-sena ser jingħata laqta' differenti billi jsir defile' wieħed. It-tagħsir taż-żebbuġ mhux ser isir. Il-Ħadd filgħodu ser issir attivita' fi Ġnien l-Għannejja Żwieten fejn il-mogħża maltija ser tiġi rikonuxxuta mill-Unesco apparti l-attivitajiet kollha l-oħra li jsiru waqt Żejt iż-Żejtun. | Sindku |

**10. 9.** **Ħajt il-Wied;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 9. 1 | | Sindku: Ħajt il-Wied | Is-Sindku qalet li bagħtet il-ħaddiema tagħna jnaddfu. Qalet ukoll li ser issir minn IM bil-konkos. Kien hemm diżgwid mir-residenti mall-ħaddiema tal-WSC. Il-ħsieb huwa li ser tinħadem biċċa biċċa sabiex jibqa' aċċess għar-residenti. | Sindku |

**10. 10.** **Proġett tal-Housing;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 10. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li minn naħa tal-Housing ser jibda proġett fejn ser isir xogħol fuq il-flats li jinsabu fil-Qasam ta' Ganza fejn ser isirilhom manutenzjoni minn barra. | |

**10. 11.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 11. 1 | | Abela: Cleanup | Abela qalet li ġiet ikkuntatjata mill-MBR sabiex issir cleanup. Talbet li jiġu suġġeriti postijiet fejn jitnaddfu u min-naħa tagħna jekk nistgħux nipprovdu ingwanti u boroż. Caruana Roderick qal li diġa qed jaħdem fuq xi ħaġa simili fejn jistieden l-għaqdiet kollha żwieten u ssir tindifa. Qal li hemm entita' li lesta tisponsorja din l-attivita'. Abela ser tkun qed tiċċekja mal-MBR iridux jissieħbu f'din l-attivita'. | Abela |

**10. 12.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 12. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/24 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 12. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 09/24 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 12. 3 | | *Petty Cash* - Awwissu 2024 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €224.77 | Segretarju Eżekuttiv |

**10 12** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 12 | 1 | Caruana Ray: Bust ta' Dun Anġ Seychell | Caruana ressaq mozzjoni li ġiet issekondata waqt il-laqgħa minn Aquilina sabiex isir bust bħala tifkira tal-mibki Dun Anġ Seychell. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Bħala Kunsill ma nistgħux noħrġu l-ispiża għal dan il-bust, pero ser inkunu qed ngħinu fejn nistgħu. | |
| 10. | 12 | 2 | Abela: Problema tal-ħamiem | Abela resqet mozzjoni quddiem il-kunsill dwar il-problema eżistenti tal-ħamiem. Din ġiet sekondata waqt il-laqgħa minn Caruana Roderick. Qalet li hemm ħafna residenti qed ibagħtu minn din il-problema għax ma jistgħux jonxru, jużaw il-bjar kif ukoll ħsara kbira fuq il-ġebla fost problemi oħra. Qalet li fl-leġiżlaturi preċedenti kien qed jingħata ikel apposta sabiex titnaqqas l-ammont. Hi qalet li jista' jerġa jibda jiġi magħluf u jsir enforcement fuq min jitma. Jistgħu isiru gaġeġ u dawn jiġu rilokati. Qalet ukoll li jeżistu wkoll detriment li jitwaħħal pero dan ser jirrijalloka l-problema u mhux isolviha. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li għandhom isiru erbgħa gaġeġ, jinqabdu u jiġu rilokati. Is-Sindku qalet li l-alf diġa ġie pruvat imma l-problema baqgħet hemm allura mhux vijabli li dan jerġa jinxtara. Qalet ukoll li r-Reġjun qed jitlob informazzjoni dwar it-toroq li hemm il-problema fihom. | Abela |
| 10. | 12 | 3 | Aquilina: Tismija ta' triq għal Dun Anġ Seychell | Aquilina ressaq din il-mozzjoni u dwar dan kien hemm qbil unanimu. Aquilina issuġerixxa Triq Santu Wistin jew Triq Sant'Antnin. Attard issuġerixxa Sqaq San Vitor jew Misraħ Ħal Tmin huma żewġ ideat li jistgħu jisemmew għalih. Wara diskussjoni intagħżel Misraħ Ħal Tmin. Ser inkunu qed nagħmlu t-talba lill-Street Naming Committee. Din il-mozzjoni ġiet emendata mill-Viċi-Sindku u sekondata mis-Sindku waqt il-laqgħa. | |
| 10. | 12 | 4 | Abela: Bollards f' Misraħ ir-Repubblika | Abela resqet il-mozzjoni sabiex isiru bollards f'nofs ta' triq f'Misraħ ir-Repubblika. Dan peress li l-kamera li ġiet installata, mħaddma mill-LESA, mhux qed tkun effettiva. Dan ukoll wara li tlabna statistika lill-LESA kemm ingħataw multi pero din l-informazzjoni baqa' ma wasalx. Is-Sindku talbet lill-kunsilliera sabiex jissekondaw din il-mozzjoni, pero ħadd ma ssekonda. Ġiet miġbuda l-attenzjoni li t-triq imsemmija fil-mozzjoni hija ħażina. Kien hemm diskussjoni dwar dan u ssemmew fost l-oħrajn l-attivitajiet bħal festa, l-Ġimgħa l-Kbira u Żejt iż-Żejtun li dawn ser ikunu ta' żgombru kif ukoll vetturi kbar bħal tal-linja u trakkijiet kbar mhux ser ikunu jistgħu iduru. Dwar dan ma kinx hemm qbil u għalhekk dawn il-bollards mhux ser jiġu nstallati. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **10** | **13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:12pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 17 ta' Ottubru 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA

Joan Agius

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv